VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,941, 30 ta' Jannar, 2018
Taqsima B

A.L. 33 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Executive Master of Business Administration – Executive M.B.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Executive Master of Business Administration – Executive M.B.A. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Executive Master of Business Administration – Executive M.B.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 406 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors għandu jinfirex fuq ħames semestri ta' studju fuq bażi *part-time* li għandu jinkludi s-semestru tas-sajf."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu, li minnhom 60 krettu huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu huma assenjati għal rapport dwar proġett applikat."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. L-istudenti li jiksbu s-60 krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess ir-rapport dwar proġett applikat, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma."

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ix-xogħol fuq ir-rapport dwar proġett applikat għandu jsir matul l-aħħar sena tal-Kors. L-istudenti jkunu assenjati superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju."